Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,190, 17 ta' Mejju, 2019

Taqsima B

A.L. 100 tal-2019

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, bi ftehim mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il- Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 549.90.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-proviso tat-tifsira "tħarreġ", fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kull kelb għandu jkun miżmum b'ċinga f'kull ħin u" għandhom jiġu mħassara.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) sakemm ma jkollhiex fuqha d-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħha jew xi mezz ieħor rikonoxxut ta' identifikazzjoni u l-liċenza adatta għal dik l-attività maħruġa lilha taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra:

Iżda meta dik il-persuna ma tkunx qiegħda ġġorr dawk id-dokumenti fuqha, hija għandha tkun meħlusa minn kwalunkwe responsabilità li toħroġ minn dak in-nuqqas jekk fi żmien jumejn (2) hija tipproduċi lill-pulizija dak id-dokument fil-post lilha indikat minnhom.";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu, inkluż il-provisos tiegħu, għandhom jiġu mħassra; u

(ċ) il-paragrafu (f) tiegħu, għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (6) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "għall-Għasafar Selvaġġi;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-Għasafar Selvaġġi."; u

(b) il-paragrafu (e) tiegħu, għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali. L.S. 549.42.

5. Is-subregolament (4) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "(4) Bla ħsara għar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, ebda persuna m'għandha f'ebda mument iżżomm jew iġġorr arma tan-nar li tkun ikkargata, jew bl-iskratać fil-kompartiment tal-iskratać tal-arma tan-nar, jew barra l-għata tagħha, jekk mhux f'post fejn l-isparar fuq il-fenek selvaġġ huwa permess.".

Jissostitwixxi l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. L-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita bl-iskeda l-ġdida li ġejja:

"SKEDA II
Ir-regolament 12
Penali Amministrattivi

Regolament	Reat	Penali
4(d)	Nuqqas li jiġu prodotti il-liċenza relevanti/id-dokument ta' identifikazzjoni lill-Pulizija fi żmien jumejn (2). Iżda din il-penali m'għandhiex tapplika fin-nuqqas ta' liċenza ġenerali valida għall-kaċċa jew qbid tal-fenek selvaġġ, f'liema każ l-akkużat għandu jiġi mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.	€250
5(11)	Nuqqas li jiġi ddikjarat kull fenek selvaġġ ikkaċjat jew maqbud.	€50 għal kull fenek selvaġġ mhux iddikkjarat
7(2)	Użu ta' nemes mingħajr sarima waqt taħriġ jew qbid tal-fenek selvaġġ.	€100
7(7)	Pussess ta' arma tan-nar li jkollha kompartiment tal-iskratać li jista' jżomm aktar minn żewġt (2) iskratać fl-istess ħin.	€250

".